SKEDA INFORMATTIVA TEMATIKA

TAS-SEMESTRU EWROPEW

# IS-SETTUR BANKARJU U L-ISTABBILTÀ FINANZJARJA

## 1. INTRODUZZJONI

Is-settur finanzjarju għandu rwol importanti f'ekonomija moderna billi jiżgura intermedjazzjoni finanzjarja, jiġifieri l-inkalanar ta' fondi mingħand dawk li jfaddlu lejn l-investituri. Settur finanzjarju effiċjenti u b'saħħtu jħeġġeġ l-akkumulazzjoni ta' tfaddil u jippermetti li dan jiġi allokat lill-aktar investimenti produttivi, u b'hekk isostni l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. Fl-Ewropa, il-banek huma l-intermedjarji finanzjarji ewlenin fil-pajjiżi kollha.

Il-kreditu bankarju jintuża wkoll għall-finanzjament tal-bżonnijiet ta' unitajiet domestiċi, b'mod partikolari biex jgħin fil-livellar tal-mudell ta' konsum tagħhom maż-żmien u jgħinhom jinvestu fi proprjetà immobbli. Żieda eċċessiva fl-ammont ta' kreditu għal xiri ta' djar tista' tikkawża prezzijiet artifiċjali fis-suq immobiljari. Is-sussegwenti waqgħa f'daqqa ta' dawn il-prezzijiet artifiċjali tista' tkun destabilizzanti ħafna għas-settur finanzjarju kif ukoll għall-ekonomija inġenerali.

Minħabba r-riskju ta' prezzijiet artifiċjali tal-assi xprunati mill-kreditu, b'mod partikolari fis-segment tal-proprjetà immobbli, il-monitoraġġ tas-solidità tas-settur bankarju huwa parti kruċjali mill-valutazzjoni tal-istabbiltà ta' sistemi finanzjarji nazzjonali. L-Istati Membri qed isegwu diversi politiki biex irażżnu r-riskji potenzjali.

## 2. SFIDI

### 2.1. Solidità tas-settur bankarju

Fl-2016, l-aġġustament ta' wara l-kriżi tas-settur bankarju kien għadu għaddej fl-UE. F'21 minn 28 Stat Membru, is-settur bankarju kien qiegħed jiċkien, kif muri mit-tnaqqis fl-assi bankarji totali relattivi għall-PDG. Din l-hekk imsejħa "tendenza ta' diżingranaġġ" kompliet minkejja t-titjib fil-kundizzjonijiet fl-ekonomija u għall-banek.

Il-kundizzjonijiet ta' likwidità baqgħu favorevoli għas-settur bankarju inġenerali. Madwar l-Ewropa, il-banek kienu qegħdin jibnu l-buffers kapitali tagħhom biex jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji ġodda tal-UE u ħafna għamlu progress fir-riżoluzzjoni tal-istokks ta' self improduttiv.

Is-solidità tal-banek tista' tiġi vvalutata permezz ta' indikaturi bħall-proporzjon bejn is-self improduttiv u s-self totali (il-proporzjon tas-self improduttiv), il-proporzjon tal-adegwatezza kapitali (CAR) u r-redditu medju fuq l-ekwità (il-proporzjon tal-RoE):

- Il-**proporzjon tas-self improduttiv** jirrelata l-valur nominali tas-self improduttiv mas-self kollu. Id-definizzjoni tal-UE ta' self improduttiv hija wieħed li l-pagamenti tiegħu qegħdin lura b'aktar minn 90 jum. Il-proporzjon jindika l-medda tad-deterjorament fil-kwalità tas-self mogħti mill-banek. Aktar ma jkun kbir il-proporzjon, agħar tkun il-kwalità tal-assi, u konsegwentement akbar it-telf mistenni.

- Il-**proporzjon tal-adegwatezza kapitali (CAR)** juri s-solvenza tal-banek. Jirrelata l-valur tal-kapital regolatorju, jiġifieri l-istrumenti kapitali rikonoxxuti mir-regolamentazzjoni bankarja, mal-assi ppeżati għar-riskju. Huwa indikatur tal-kapaċità tal-banek li jassorbu t-telf. Aktar ma jkun kbir il-proporzjon, aktar il-banek ikunu jistgħu jassorbu t-telf mingħajr ma tiġi pperikolata s-solvenza tagħhom.
- Il-**proporzjon tal-RoE** jirrelata l-introjtu nett tal-banek (jiġifieri l-profitti wara t-taxxa) mal-kapital totali. Huwa indikatur tal-profitabbiltà ġenerali tal-banek. Profittabilità għolja tissuġġerixxi li l-banek huma f'pożizzjoni favorevoli biex iżidu l-buffer kapitali tagħhom fil-futur immedjat, jiġifieri permezz ta' qligħ imfaddal.

B'mod ġenerali, il-kwalità tal-assi tal-banek Ewropej tjiebet fl-2016. Il-banek li ntlaqtu l-aktar mill-kriżi finanzjarja komplew isewwu l-portafolli tagħhom. L-eċċezzjonijiet huma Ċipru u l-Greċja: fiż-żewġ pajjiżi, ftit aktar minn terz tas-self kollu kienu għadu mhux qed jitħallas lura b'mod regolari. Fl-2016, il-proporzjon tas-self improduttiv kompla ddeterjora fil-Greċja, iżda tjieb f'Ċipru.

F'ħames pajjiżi l-proporzjon tas-self improduttiv kien ta' aktar minn 10 %. Dan il-grupp kien magħmul mill-Italja, mill-Portugall, mill-Bulgarija, mill-Irlanda u mill-Kroazja. Madankollu, kollha kemm huma rnexxielhom inaqqsu l-proporzjonijiet tas-self improduttiv tagħhom fl-2016. L-istess għamlu kważi l-Istati Membri l-oħra kollha. Is-Slovenja, l-Ungerija u r-Rumanija għamlu progress kbir fir-rigward tas-self improduttiv, u kollha mixjin taħt il-punt ta' riferiment ta' 10 %.

**Illustrazzjoni 1 - Self improduttiv bħala % tas-self totali, 2016**




*Sors: BĊE*

Il-proporzjon tal-adegwatezza kapitali (CAR) kompla tjieb f'ħafna pajjiżi tal-UE.

Il-pajjiżi kollha kellhom CAR medju ta' mill-inqas 12 %, ħafna ogħla mill-minimu regolatorju ta' 8 %.

F'nofs l-Istati Membri l-CAR kien ta' aktar minn 19 %. Il-medjan tela' b'punt perċentwali wieħed mis-sena ta' qabel. L-akbar proporzjon kien osservat fl-Estonja (34 %), segwita mill-Iżvezja u mill-Irlanda. Il-Litwanja rreġistrat l-akbar tnaqqis fl-2016, għalkemm il-CAR hemmhekk baqa' f'livell għoli. Dan kien ikkawżat minn wieħed mill-akbar banek tal-pajjiż, li ħallas dividendi fil-bidu tas-sena. Id-dividendi jitħallsu mill-qligħ imfaddal, li jagħmel parti mill-kapital ta' bank.

Il-kapitalizzazzjoni suffiċjenti ġenerali taħbi differenzi bejn il-pajjiżi u l-banek. Il-kapitalizzazzjoni ta' ċertu banek għadha subottimali f'pajjiżi bħall-Portugall, l-Italja u Spanja, u dan ifixkel self ġdid.

**Illustrazzjoni 2 — Proporzjon tal-adegwatezza kapitali: kapital regolatorju bħala % tal-assi ppeżati għar-riskju, 2016**




*Sors: BĊE*

F'ħafna mis-swieq il-profittabilità tal-banek tjiebet, minkejja l-ambjent ikkaratterizzat minn rata tal-imgħax baxxa. Fl-2016, nofs l-Istati Membri kellhom redditu fuq l-ekwità (RoE) ta' mill-inqas 8 %. L-RoE medjan tjieb b'punt perċentwali wieħed mis-sena preċedenti. Pajjiżi fl-Ewropa ċentrali u tat-tramuntana huma l-aktar swieq bankarji profitabbli tal-UE.

Il-profitabbiltà medja sparat 'il fuq fi tliet pajjiżi. L-akbar qabża kienet fil-Greċja, għalkemm l-RoE medju tagħha xorta baqa' f'territorju negattiv. Anke l-banek Kroati u dawk Ungeriżi tejbu ferm il-profitabbiltà tagħhom.

Il-profitabbiltà ddeterjorat l-aktar fl-Italja u fil-Portugall. Wara l-Greċja, dawk kienu wkoll l-uniċi swieq bankarji fl-Ewropa li kienu qed jagħmlu telf fl-2016. Ir-raġuni ewlenija għal dan kienet il-provvedimenti ta' likwidità għal self improduttiv.

**Illustrazzjoni 3 — Redditu fuq l-ekwità (%), 2016**




*Sors: BĊE*

## 2.2. Żieda fl-ammont ta' kreditu

Żieda fl-ammont ta' kreditu tista' tiġi mkejla miż-żieda perċentwali sena wara sena fl-istokk tas-self bankarju lis-settur privat. Aktar ma jespandi malajr il-kreditu bankarju, akbar ikun ir-riskju ta' prezz artifiċjali tal-assi. Self ipotekarju eċċessiv li jgħolli l-prezzijiet tad-djar u d-dejn privat huwa eżempju tipiku ta' tali sitwazzjoni.

Min-naħa l-oħra, il-probabbiltà hi li żieda fl-ammont ta' kreditu negattiv tkun korrelatata ma' diffikultajiet għan-negozju biex jaċċessaw il-kreditu, speċjalment għall-SMEs. Idealment, is-self lis-settur privat għandu jikber biżżejjed sabiex jipprovdi finanzjament suffiċjenti għall-investiment, iżda mhux eċċessivament, sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' prezzijiet artifiċjali tal-assi.

Is-self għal xiri ta' djar żdied fil-maġġoranza tal-Istati Membri. Ir-rata medjana ta' tkabbir tal-kreditu ipotekarju żdiedet minn 1.5 % fl-2014 għal 3.8 % f'Awwissu 2016 u kompliet tiżdied għal 4.4 % f'Ġunju 2017.

F'seba' pajjiżi, is-Slovakkja, ir-Rumanija, ir-Repubblika Ċeka, il-Belġju, il-Litwanja, Malta, il-Lussemburgu u l-Iżvezja, nqabeż il-punt ta' riferiment[1] meqjus mill-Kummissjoni bħala skattatur għal eżami aktar mill-qrib tar-riskji.

F'diversi pajjiżi livelli għoljin ta' self lil unitajiet domestiċi, speċjalment għax-xiri ta' djar, qiegħed jgħolli l-prezzijiet tad-djar kif ukoll id-dejn privat. Dan joħloq tħassib, speċjalment f'pajjiżi fejn id-dejn privat huwa diġà għoli, bħall-Belġju, l-Iżvezja u n-Netherlands.

[1] Tkabbir ta' 6.5 % sena wara sena, skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.

**Illustrazzjoni 4 — Żieda fl-ammont ta' kreditu għall-akkomodazzjoni (% sena wara sena), Ġunju 2017**




*Sors: BĊE*

Is-self lill-kumpaniji żdied fil-maġġoranza kbira tal-Istati Membri.

Ir-rata medjana ta' tkabbir fl-ammont ta' kreditu żdiedet minn -0.2 % f'Awwissu 2015 għal 2.3 % f'Awwissu 2016 u għal 3.8 % f'Ġunju 2017. Sitt pajjiżi (Malta, l-Ungerija, is-Slovenja, ir-Rumanija, il-Bulgarija u l-Kroazja) imxew minn tkabbir negattiv għal wieħed pożittiv.

Id-diskrepanza bejn il-pajjiżi bl-aktar tkabbir qawwi fil-kreditu (17 % fil-Lussemburgu, 10 % fis-Slovakkja) u dawk bl-akbar kontrazzjoni fil-kreditu (-6 % fin-Netherlands, -3 % fil-Portugall) naqset ukoll meta mqabbla mas-sena preċedenti.

Ix-xejriet diverġenti ta' tkabbir fil-livell ta' kreditu fl-UE jindikaw differenzi fl-opportunitajiet ta' investiment għan-negozji.

F'pajjiżi bi tkabbir ekonomiku kbir, l-espansjoni tan-negozju tistimula l-investiment u d-domanda għall-kreditu (eż. fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali bħas-Slovakkja, il-Polonja, l-Ungerija u r-Repubblika Ċeka).

F'pajjiżi oħra, bħan-Netherlands, il-Portugall u l-Irlanda, id-dejn akkumulat f'ħafna impriżi spiss ixxekkel l-aċċess tagħhom għall-finanzjament.

**Illustrazzjoni 5 — Żieda fil-livell ta' kreditu korporattiv (% sena wara sena), Ġunju 2017**




*Sors: BĊE*

## 2.3. Likwidità u finanzjament

L-istruttura ta' finanzjament ta' bank tgħidilna kif in-negozju tiegħu, prinċipalment is-self, ikun iffinanzjat. Tipikament, il-banek jiġbru depożiti biex jiffinanzjaw is-self li jagħtu. Għalhekk, il-proporzjon self-depożitu (proporzjon LTD) huwa indikatur komuni li jgħin fil-valutazzjoni dwar jekk il-banek għandhomx finanzjament stabbli. Il-proporzjon LTD jirrelata s-self totali mogħti mill-banek mad-depożiti totali li jirċievu mingħand il-klijenti tagħhom. Fi kliem ieħor, dan juri s-sehem tal-ktieb tas-self li huwa kopert minn depożiti, li huwa preżunt li huwa sors stabbli ta' finanzjament.

Banek li jsibu ruħhom f'diffikultajiet ħafna drabi jitolbu l-għajnuna mingħand il-bank ċentrali tagħhom. Is-sehem ta' self mill-bank ċentrali mill-bażi monetarja totali tal-bank juri sa liema punt il-banek kellhom jistrieħu fuq tali għajnuna. Fi kliem ieħor, dan jindika nuqqas ta' finanzjament privat u għalhekk xi ħaġa li trid tinżamm taħt sorveljanza. Il-likwidità ta' bank ċentrali għandha tikkostitwixxi biss parti sinifikanti mill-bażi monetarja ta' bank kummerċjali f'ċirkostanzi eċċezzjonali u temporanji.

Fl-2016, l-istruttura ta' finanzjament tal-banek tal-UE baqgħet pjuttost stabbli. Il-proporzjon LTD kien ta' aktar minn 100 % f'ħames pajjiżi biss. Dawn kienu jinkludu d-Danimarka, bil-mudell uniku ta' ipoteki bankarji tagħha[2], kif ukoll fl-Iżvezja, fl-Olanda, fi Franza u fl-Italja.

Id-depożiti kibru b'pass kemmxejn aktar mgħaġġel mis-self f'ħafna mill-pajjiżi. Il-proporzjon LTD medjan għat-28 Stat Membru naqas kemxejn minn madwar 99 % fl-2014 għal 96 % sa Awwissu 2016 u għal 89 % f'Ġunju 2017 (Illustrazzjoni 6).

Mill-kriżi finanzjarja, tfaċċa mudell ġdid ta' finanzjament fis-swieq bankarji tal-Ewropa Ċentrali, tal-Lvant u tax-Xlokk. Preċedentement, is-sussidjarji tal-banek li

---

[2] Fid-Danimarka, is-self ipotekarju jingħata minn banek ipotekarji speċjalizzati li jiffinanzjaw is-self b'bonds ipotekarji korrispondenti. Din is-sistema hija meqjusa bħala sigura ħafna f'termini ta' struttura ta' finanzjament.

kienu ta' propjetà barranija fir-reġjun kienu fil-biċċa l-kbira jiffinanzjaw is-self tagħhom permezz ta' self mill-banek omm tagħhom ibbażati, pereżempju, fl-Awstrija, fl-Italja, fl-Iżvezja jew fil-Ġermanja. Wara l-kriżi, bil-mod-il mod is-sussidjarji tal-banek ssostitwew il-finanzjament mill-bank omm b'depożiti lokali. Fl-2016, id-depożiti kienu jkopru għal kollox il-portafolli ta' self fis-setturi bankarji kollha tal-Ewropa ċentrali u tal-Ivant.

**Illustrazzjoni 6 — Proporzjon self-depożitu (%), 2016**




*Sors: BĊE*

Kundizzjonijiet favorevoli tas-suq u rati baxxi tal-imgħax ippermettew tnaqqis ulterjuri fil-finanzjament mill-banek ċentrali fl-UE. Fl-2016, il-maġġoranza tas-setturi bankarji nazzjonali ftit issellfu mill-bank ċentrali, b'sehem fl-obbligazzjonijiet totali taħt it-2 %.

Il-Greċja spikkat bħala l-pajjiż bl-akbar sehem ta' self mill-bank ċentrali, li kien jirrappreżenta kwart tal-karta tal-bilanċ tas-settur bankarju. Madankollu, il-Greċja, segwita minn Ċipru, naqqsu b'mod sinifikanti d-dipendenza tagħhom fuq il-bank ċentrali fl-2016.

Min-naħa l-oħra, l-Italja u Spanja żiedu l-użu ta' kreditu mill-bank ċentrali, filwaqt li l-banek Finlandiżi u dawk Belġjani żiedu d-dipendenza tagħhom fuq il-finanzjament mill-bank ċentrali.

## 3. REAZZJONIJIET POLITIĊI FL-ISTATI MEMBRI

L-objettivi tal-politika komuni tal-Istati Membri huma biex tinżamm l-istabbiltà finanzjarja u

l-appoġġ għat-tkabbir ekonomiku. Settur bankarju u swieq kapitali b'saħħithom li jissodisfaw tajjeb ir-rwol tagħhom bħala intermedjarji finanzjarji jgħinu biex dan jintlaħaq.

Il-miżuri politiċi tal-Istati Membri jiffokaw fuq:

- it-titjib tal-aċċess għall-finanzjament permezz tat-tindif tal-karti tal-bilanċ tal-banek minn self improduttiv;
- it-tneħħija ta' ostakli għall-iżvilupp u għall-integrazzjoni tas-swieq kapitali;
- l-indirizzar ta' nuqqasijiet fl-oqfsa nazzjonali ta' sorveljanza u regolatorji u t-titjib tal-governanza korporattiva f'xi istituzzjonijiet;
- l-indirizzar ta' riskji speċifiċi relatati ma' skoperturi ta' kreditu f'munita barranija;
- it-trażżin ta' żbilanċi f'xi swieq tal-akkomodazzjoni kkawżati minn żieda b'ritmu eċċessiv fid-dejn privat.

## 3.1. Riżoluzzjoni ta' stokks improduttivi

L-istokk kbir ta' djun mitlufa jista' jispjega t-tkabbir kajman fil-livell tal-kreditu f'xi pajjiżi. NPLs huma ta' piż fuq il-karta tal-bilanċ tal-banek u jxekklu l-profitabilità tal-banek billi jikkawżaw dħul mitluf. Barra minn hekk jimmobilizzaw parti mill-kapital tal-banek, u b'hekk tonqos il-kapaċità tal-banek li jagħtu self ġdid[3].

Biex tingħata spinta lil self ġdid jeħtieġ aktar progress fit-tindif tal-karti tal-bilanċ tal-banek u r-restawr ta' buffers kapitali adegwati. F'ħafna pajjiżi tal-UE l-ammont ta' NPLs għadu wieħed kbir u fil-Greċja, f'Ċipru, fl-Italja, fil-Portugall, fil-Bulgarija, fl-Irlanda u fil-Kroazja dan ilaħħaq iż-żewġ ċifri.

Il-banek qed jirsistu biex jirristrutturaw is-self tagħhom b'mod vijabbli jew il-preklużjoni ta' assi improduttivi. Madankollu, dan irid jiġi appoġġjat minn qafas legali li jiffunzjona għall-infurzar tad-dejn u għall-preklużjoni tal-assi. Ħafna pajjiżi qed jaħdmu biex itejbu l-oqfsa ta' insolvenza tagħhom kif ukoll il-funzjonament tal-ġudikatura sabiex jiġi żgurat ristrutturar aktar rapidu tad-dejn. Pereżempju, il-Greċja introduċiet irkanti elettroniċi għall-bejgħ kollaterali. Mod ieħor 'il quddiem huwa permezz ta' soluzzjonijiet ta' ristrutturar barra mill-qorti, ibbażati fuq kooperazzjoni volontarja tal-banek u tad-debituri.

F'każ li r-ristrutturar tas-self ma jirnexxix, il-banek jistgħu jikkunsidraw il-possibbiltà li jeħilsu mill-assi danneġġati. L-NPLs jistgħu jinbiegħu fi swieq sekondarji speċjalizzati, jew kif inhuma jew bħala prodotti titolizzati. L-awtoritajiet nazzjonali qegħdin jagħmlu sforzi biex jappoġġjaw tali swieq permezz tat-tneħħija ta' ostakli regolatorji, l-aġġustament ta' reġimi fiskali, il-provvista ta' pjattaformi dedikati għall-immaniġġjar tal-NPLs kif ukoll il-provvista ta' garanziji tal-gvern għal segmenti superjuri ta' self titolizzat (dan tal-aħħar pereżempju fl-Italja).

Biex jittrattaw il-legat ta' NPLs, xi pajjiżi waqqfu kumpaniji maniġerjali tal-assi (KMAs), magħrufa wkoll bħala "banek tal-assi ħżiena", sabiex il-banek ikunu jistgħu jittrasferixxu l-portafolli ta' NPLs tagħhom fihom. Dan jinvolvi spejjeż, iżda jippermetti lill-banek jeħilsu l-piż minn fuq il-karti tal-bilanċ tagħhom u jagħtu self ġdid. NAMA[4] fl-Irlanda, BAMC[5] fis-Slovenja u SAREB[6] fi Spanja għenu biex jinkiseb tnaqqis sinifikanti fil-proporzjonijiet ta' NPLs. L-appoġġ għall-bejgħ ta' NPLs jista' jiġi organizzat ukoll mis-settur bankarju nnifsu (bl-għajnuna ta' garanziji tal-istat, kif inhu l-każ bl-iskema Atlante fl-Italja).

Ir-rwol tas-superviżuri u tar-regolaturi nazzjonali huwa fundamentali f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżoluzzjoni tal-istokks improduttivi. Dawn il-korpi jiċċekkjaw b'mod regolari l-kwalità tal-assi tal-banek, jimmonitorjaw ir-riżoluzzjoni ta' arretrati u jimponu riżoluzzjonijiet fuq it-

[3] Is-self u l-assi l-oħra kollha miżmuma minn bank jiġġeneraw rekwiżit kapitali speċifiku, jiġifieri l-ammont ta' kapital li l-bank għandu jżomm bħala bafer għal telf mhux mistenni.

[4] Aġenzija Nazzjonali għall-Immaniġġjar tal-Assi.

[5] Kumpanija Maniġerjali tal-Assi tal-Banek.

[6] "Sociedad de Gestión de Activos procedentes de la Reestructuración Bancaria" (Kumpanija għall-Immaniġġar ta' Assi bħala riżultat tar-Ristrutturar tas-Sistema Bankarja).

telf mis-self kif ukoll buffers kapitali adegwati.

### 3.2. L-iżvilupp ta' sorsi alternattivi ta' finanzjament għall-kumpaniji

Biex jitjieb l-aċċess għall-finanzjament anke permezz ta' sorsi mhux bankarji, l-Istati Membri qed jieħdu diversi azzjonijiet biex jiżviluppaw is-swieq kapitali tagħhom. Fil-livell tal-UE, dawn l-inizjattivi huma mħeġġa mill-Pjan ta' Azzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' Swieq Kapitali fl-Unjoni, adottat f'Settembru 2015 u aġġornat mill-Istudju ta' Nofs it-Terminu f'Ġunju 2017. Is-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali tal-Kummissjoni joffri appoġġ tekniku mmirat lejn l-awtoritajiet nazzjonali. Speċjalment dawk il-pajjiżi fejn l-iżvilupp tas-suq kapitali għadu lura (ħafna minnhom fl-Ewropa ċentrali u tal-lvant) bħalissa qed jimplimentaw sett wiesa' ta' miżuri biex isostnu s-swieq azzjonarji u tal-bonds tagħhom, l-ekwità privata u l-fondi ta' kapital ta' riskju, kif ukoll approċċi moderni għat-titolizzazzjoni.

Barra minn hekk l-awtoritajiet nazzjonali qed jieħdu miżuri speċifiċi biex isostnu l-iżvilupp tas-swieq kapitali lokali. Uħud minnhom fasslu strateġiji nazzjonali komprensivi biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni (il-Bulgarija, il-Latvja, il-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka, il-Polonja).

Dawn l-istrateġiji jippromwovu l-iżvilupp ta' swieq niċċa lokali (eż. it-teknoloġija finanzjarja, l-ekwità privata) permezz ta' regolamentazzjoni favorevoli u l-ħolqien ta' inċentivi regolatorji għall-investituri istituzzjonali u individwali lokali (eż. strumenti ġodda, trattament fiskali favorevoli). Joffru diversi forom ta' appoġġ għall-SMEs li jkunu interessati jaċċessaw is-suq kapitali (eż. kofinanzjament ta' kostijiet ta' elenkar fis-swieq). L-aħħar iżda mhux l-inqas, l-istrateġiji implimentaw programmi ta' edukazzjoni finanzjarja xierqa.

Xi pajjiżi jwettqu wkoll inizjattivi transfruntiera. Eżempju wieħed huwa l-ħidma fuq qafas legali armonizzat għal bonds koperti u titolizzazzjoni fl-Istati Baltiċi. Proġett ieħor għandu l-għan li jiffaċilita l-ikklerjar u s-saldu ta' titoli bejn il-boroż li huma membri tal-pjattaforma SEE Link. Dan jinkludi s-Slovenja, il-Kroazja u l-Bulgarija, kif ukoll pajjiżi terzi bħall-FYROM[7], is-Serbja, il-Montenegro, il-Bosnja-Ħerzegovina. Barra minn hekk, il-Bulgarija qed toħloq opportunitajiet għall-emittenti u għall-investituri domestiċi biex jaċċessaw swieq oħra tal-UE permezz tal-ħolqien ta' 'Borża Bulgara Internazzjonali', suq iddedikat fil-borża lokali.

## 3.3. It-tisħiħ tas-superviżjoni, tar-regolamentazzjoni u tal-governanza korporattiva tal-banek

Iż-żieda qawwija fl-NPLs matul il-kriżi enfasizzat ċerti każijiet ta' superviżjoni jew ta' regolamentazzjoni inadegwata. Ġew żvelati wkoll nuqqasijiet fil-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu u fil-governanza korporattiva ta' ħafna istituzzjonijiet finanzjarji.

Xi pajjiżi qed jaħdmu fuq tiġdid maġġuri tas-superviżjoni finanzjarja tagħhom. Eżempji jinkludu:

- riformi komprensivi tas-superviżjoni bankarja u dik mhux bankarja fil-Bulgarija;
- integrazzjoni tas-superviżjoni ta' fondi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet f'Ċipru;
- superviżjoni aħjar tal-attivitajiet kummerċjali internazzjonali tal-banek f'Malta.

Il-pajjiżi qed jinvestu wkoll fit-titjib tal-ħiliet tas-superviżuri, pereżempju permezz ta' appoġġ tekniku: dan huwa l-każ għas-superviżjoni tas-suq kapitali fir-Rumanija.

Xi pajjiżi oħra nedew riformi ta' governanza korporattiva f'segmenti partikolari tas-settur finanzjarju tagħhom. L-Italja qed taħdem fuq riforma tal-governanza korporattiva tal-banek kooperattivi kbar u ta' banek reċiproċi żgħar, li hija essenzjali għas-simplifikazzjoni tas-sistema bankarja. Is-Slovenja qed tieħu miżuri biex tikkonsolida u tirristruttura s-settur bankarju tagħha, ittejjeb il-governanza tal-banek pubbliċi u tiżgura governanza xierqa tal-BAMC, il-kumpanija maniġerjali tal-assi tagħha. Sadanittant, il-Kroazja qed twettaq analiżi tal-kwalità tal-assi tal-Bank Kroat għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (HBOR) li qed issir minn awdituri indipendenti. Dan jista' jwassal għal tibdil fil-qafas regolatorju u fl-istrutturi ta' governanza tal-HBOR.

## 3.4. Indirizzar tar-riskji relatati ma' self f'munita barranija

It-tisħiħ tal-frank Żvizzeru għal darb'oħra enfasizza r-riskji ta' self f'munita barranija ("self FX"). It-taqlib ikkawżat mill-apprezzament qawwi tal-frank Żvizzeru kien l-aktar prominenti fil-Kroazja, fl-Ungerija u fil-Polonja. Fir-Rumanija, fejn ħafna mis-self FX huwa f'EUR, l-impatt kien iżgħar. Il-pajjiżi kkonċernati diġà adottaw diversi miżuri biex jgħinu lill-mutwatarji FX, li xi drabi jinvolvi l-impożizzjoni ta' kostijiet sostanzjali fuq il-banek.

Fil-Polonja, il-proposti rilevanti għadhom qed jiġu aġġustati waqt diskussjonijiet bejn l-awtoritajiet rilevanti (l-Uffiċċju tal-President, il-Ministeru tal-Finanzi, l-awtorità għas-sorveljanza finanzjarja u l-bank ċentrali), sakemm jiġu adottati mill-Parlament. Filwaqt li jqisu l-esperjenzi ta' swieq oħra, dawk li jfasslu l-politika qed ifittxu bilanċ bejn l-għoti ta' għajnuna lil unitajiet domestiċi b'dejn u l-preservazzjoni tas-sodezza finanzjarja tal-banek u l-istabbiltà finanzjarja fil-pajjiż

[7] L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

kollu. L-argumenti dwar il-ġustizzja soċjali huma aspett ieħor tad-dibattitu.

## 3.5. L-indirizzar ta' vulnerabbiltajiet relatati mas-suq tal-akkomodazzjoni permezz ta' politika makroprudenzjali

Ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja relatati mas-swieq immobiljari fl-UE mmaterjalizzaw fl-imgħoddi u f'għadd ta' pajjiżi dawn għadhom problema potenzjali. Is-sopravalutazzjoni fil-prezzijiet tal-proprjetà għandha tendenza li timxi id f'id ma' dejn għoli fis-settur privat. L-iskopertura tal-banek għall-kreditu ipotekarju ħafna drabi tiżdied f'sitwazzjonijiet ta' llaxkar tal-istandards għall-għoti ta' self. Rati baxxi tal-imgħax u kompetizzjoni kontinwa bejn il-banek għal self ġdid iżidu l-pressjoni.

Diversi Stati Membri użaw b'mod attiv politika makroprudenzjali, jiġifieri politika mmirata lejn il-preservazzjoni tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha kemm hi, biex jiġu indirizzati vulnerabbiltajiet li joħorġu mis-settur immobiljari. L-objettiv primarju tagħhom huwa li jittaffew id-dinamiċi proċikliċi bejn is-self għal xiri ta' propjetà u l-prezzijiet tad-djar. Għandhom ukoll l-għan li titjieb ir-reżiljenza tas-settur bankarju u dak immobiljari għal skossi finanzjarji. Miżuri makroprudenzjali jistgħu jieħdu l-forma ta' miżuri bbażati fuq il-banek jew miżuri bbażati fuq il-mutwatarji.

Normalment il-miżuri mmirati lejn il-banek huma maħsuba biex jiġu żgurati rekwiżiti kapitali xierqa. Uħud mill-buffers jimmiraw ir-riskju sistemiku fl-ekonomija sħiħa. Iżda oħrajn jistgħu jkunu direttament relatati mal-iskoperturi għall-proprjetà immobbli, pereżempju permezz tal-allinjament tal-ippeżar tar-riskju[8] għal self ipotekarju fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek mal-profili ta' riskju. Fost żieda fil-vulnerabbiltajiet relatati mal-proprjetà immobbli f'għadd ta' Stati Membri (eż. fl-Awstrija, fil-Belġju, fl-Estonja, fis-Slovakkja u fl-Iżvezja) ġiet introdotta supplimentazzjoni kapitali[9] aktar speċifika għal portafolli ta' ipoteki. Minn Jannar 2018 il-Finlandja se tintroduċi limitu minimu għall-ponderazzjoni tar-riskju speċifiku għall-istituzzjonijiet[10] fuq ipoteki għad-djar fit-territorju tagħha. F'Marzu 2017 il-Kunsill dwar ir-Riskju Sistemiku tad-Danimarka rrakkomanda l-limitazzjoni fuq self għal xiri ta' djar b'rata varjabbli u/jew b'amortizzazzjoni differita[11] għar-reġjuni ta' Copenhagen u ta' Aarhus jekk id-dejn totali tal-mutwatarju jaqbeż l-400 % tad-dħul qabel it-taxxa.

L-evidenza sal-lum tissuġġerixxi li filwaqt li miżuri bbażati fuq il-banek saħħew ir-reżiljenza tas-settur finanzjarju f'għadd ta' Stati Membri, f'xi pajjiżi bħad-Danimarka, il-Lussemburgu u l-Iżvezja, ir-rekwiżiti kapitali addizzjonali ma kinux biżżejjed biex iwaqqfu ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tad-djar.

Minbarra strumenti bbażati fuq il-banek, l-awtoritajiet nazzjonali implimentaw restrizzjonijiet fuq is-self taħt il-liġi nazzjonali li jimmiraw lill-mutwatarji. Fost tali miżuri mmirati lejn il-mutwatarji dawk l-aktar frekwentement użati jinkludu limiti fuq il-proporzjon bejn is-self u l-valur (LTV), bejn is-self u l-introjtu (LTI) jew bejn id-dejn-introjtu (DTI) u bejn is-servizzjar tad-dejn-introjtu (DSTI). Strumenti oħra fis-sett ta' għodod jinkludu restrizzjonijiet fuq il-maturità tas-self u r-rekwiżiti għall-amortizzazzjoni.

Strumenti bbażati fuq il-mutwatarji ikollhom direttament fil-mira l-istandards ta' self fl-oriġini tagħhom (jiġifieri l-istandards li japplikaw għall-mutwatarji meta l-ewwel japplikaw għal self). Speċjalment jekk jiġu implimentati f'pakkett imfassal tajjeb ta' azzjonijiet ta' appoġġ reċiproku, strumenti bbażati fuq il-mutwatarji huma effettivi biex jillimitaw prattiki ta' self riskjużi f'għadd wiesa' ta'

---

[8] Proporzjonijiet regolatorji li jindikaw l-ammont ta' kapital li l-banek għandhom iżommu għal kull tip ta' assi fil-portafoll tagħhom.

[9] Rekwiżiti kapitali addizzjonali, 'il fuq mill-minimu regolatorju standard.

[10] Standard minimu għall-ippeżar tar-riskju, li jista' jkun ogħla mill-ippeżar tar-riskju kkalkolat minn bank fil-mudell intern tal-adegwatezza kapitali tiegħu.

[11] Self li jinkludi perjodu li matulu l-mutwatarju jħallas lura biss l-imgħax u mhux parti mill-kapital.

ġurisdizzjonijiet. Minbarra li jnaqqsu l-vulnerabbiltajiet għal skossi relatati mal-prezz tal-proprjetà fuq il-karti tal-bilanċ tal-unitajiet domestiċi, jistgħu jżidu wkoll ir-reżiljenza tal-banek. Id-disinn tagħhom huwa flessibbli u jippermetti li l-parametri jiġu aġġustati biex jinfluwenzaw il-kundizzjonijiet tas-suq tal-akkomodazzjoni u tal-kreditu. Il-komplementarjetà ta' għodod bbażati fuq il-mutwatarji ma' strumenti makroprudenzjali bbażati fuq il-kapital hija partikolarment pertinenti matul it-titjib ta' ċikli ta' kreditu. F'tali żminijiet, il-miżuri li huma mmirati direttament lejn l-istandards ta' self fl-oriġinazzjoni jistgħu jnaqqsu l-inċentivi għall-banek biex joffru self aktar riskjuż (LTV-għoli/LTI għoli).

Data: 16.10.2017